# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Mejju, 2021.**

**Numru 12**

**Rikors numru 148/2009/1 JPG**

**Dr Philip Manduca mandatarju tal-imsefrin Joseph Consiglio u b'digriet tat-13 ta' Settembru, 2012, l-atti ġew trasfuzi f'isem Dr Philip Manduca għall-imsefrin Victoria Consiglio u Marisa Portelli flok Joseph Consiglio li miet fil-mori tal-kawża, Frank Consiglio, Joseph Ciantar, Esther Healy u Nazia Alfrida Andrews**

**v.**

**Nutar Charles Vella Zarb**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu appell imressaq mill-intimat Nutar Charles Vella Żarb minn sentenza mogħtija fis-6 ta' Lulju, 2016 (minn issa 'l hemm imsejħa "is-sentenza appellata"), fil-kawża fl-ismijiet fuq imsemmija, li biha u għar-

raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tiegħu, u laqgħet it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontrih;

2. Fl-att li bih fetħu l-kawża, ir-rikorrenti jgħidu li l-intimat kien inħatar mill-aħwa Consiglio biex jamministra l-ġid tagħhom f'dak li huwa l-ġbir ta' ċnus u kirjiet, kif ukoll il-bejgħ ta' proprjeta` tagħhom f'Wied il-Għajn. Billi huma jgħidu li, għal żmien twil, naqas li jagħtihom rendikont tat-tmexxija minnhom imħollija f'idejh, talbu li jingħataw rendikont, kif ukoll li jintraddulhom il-flus, il-kotba u ħwejjeġ mobbli miżmuma għandu b'rabta mal-imsemmija amministrazzjoni;

3. Illi l-intimat laqa' għat-talbiet attriċi billi qal li l-azzjoni tagħhom waqgħet bil-preskrizzjoni tal-ħames snin taħt l-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili. Żied jgħid li, qabel kull ħaġa oħra, l-attur *nomine* kellu juri l-mandat mogħti lilu mill-atturi *proprio* bi provi dokumentali xierqa, u t-titolu tal-mandanti kollha tiegħu fil-kawża. Ċaħad ix-xiljiet tagħhom li ma tahomx rendikont tat-tmexxija tiegħu u saħaq li huwa dejjem qeda l-inkarigu tiegħu b'mod onest u għaqli. B'degriet mogħti mill-ewwel Qorti fit-2 ta' Diċembru, 2015, huwa tħalla jressaq eċċezzjoni ulterjuri li biha qal li l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni tal-ħames snin taħt l-Artikolu 2157 tal-imsemmi Kodiċi;

4. Illi biex waslet għas-sentenza appellata, l-ewwel Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

"L-intimat eccepixxi, permezz ta' nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri li tinsab a fol 283 tal-process illi l-azzjoni tal-attur nomine hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2157 tal-Kodici Civili.

"L-Artikolu 2157 tal-Kodici Civili jipprovdi illi:

> "**[l]-azzjoni għall-għoti ta' kontijiet kontra tutur, kuratur, mandatarju, jew amministratur ieħor, taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin minn dak in-nhar li l-amministrazzjoni tispiċċa, jew bl-egħluq ta' sena minn dak in-nhar tal-mewt tat-tutur, kuratur, mandatarju jew amministratur ieħor."**

"Minn qari tat-talbiet tal-attur nomine, jidher illi din l-azzjoni ma gietx istitwita biss sabiex l-intimat jaghti r-rendikont tal-amministrazzjoni tieghu bhala mandatarju tal-ahwa Consiglio. Filfatt, barra dan, l-attur nomine talab illi l-intimat jigi kkundannat sabiex jirilaxxa favur l-attur nomine il-flus li jinsabu f'idejh u kull dokument, ktieb bankarju jew ogetti mobbli li jinsabu f'idejn ir-rikorrent bhala mandatarju tal-ahwa Consiglio.

"Skont il-Qorti tal-Appell:

> "**...huwa ċar ħafna li l-azzjoni tal-lum m'hijiex azzjoni ta' għoti ta' rendikont, imma waħda li toqrob għar-rivendika. F'każ bħal dan, u sakemm il-mandatarju ma jkunx għadda l-ħaġa lil terzi, l-jedd tal-mandant jew tal-aventi kawża tiegħu biex jitolbu li l-mandatarju prestanome jgħaddi dik il-ħaġa lil sidha, huwa jedd eżerċitabbli "f'kull żmien ... immedjat u bla kundizzjoni. Il-fatt li l-liġi tgħid li, f'okkażjoni bħal dik, il-mandatarju jrid jagħti wkoll minnufih rendikont tal-mandat tiegħu ma jġibx li l-azzjoni tintilef bl-għeluq taż-żmien imsemmi fl-artikolu 2157 tal-Kodiċi. Għall-kuntrarju, il-Qorti tifhem li ladarba fl-azzjoni mandati directa l-obbligu tal-għoti tar-rendikont tal-mandat huwa effett sekondarju awtomatiku tal-azzjoni ewlenija, jista' jingħad li <u>ż-żmien imsemmi fl-artikolu 2157 lanqas biss jibda jgħaddi qabel ma titressaq l-imsemmi azzjoni ewlenija.</u>**
>
> **"Illi, b'żieda ma' dan, ladarba l-azzjoni mandati directa tinbena fuq il-presuppost li l-ħaġa miksuba mill-mandatarju prestanome tgħaddi mill-ewwel fil-patrimonju tal-mandant, qajla jista' jingħad li l-mandatarju jista' tassew jeċepixxi kontra l-mandant "rivendikant" il-preskrizzjoni. Imbagħad, wieħed lanqas ma jmissu jinsa r-regola l-oħra kardinali tad-dritt li dawk li jżommu l-ħaġa f'isem ħaddieħor (u fost dawn tabilfors jidħlu l-mandatarji) jew il-werrieta tagħhom, ma jistgħux jippreskrivu, jgħaddi kemm jgħaddi żmien. Biex tkun tista' sseħħ l-interverżjoni favur nies bħal dawn, jeħtieġ li jew tinbidel il-kawża jew it-titolu li bis-saħħa tiegħu**

> **jkunu jżommu l-ħaġa jew jekk huma jopponu t-titolu tas-sidien.**"[1] (Enfasi ta' din il-Qorti)

"Fil-kaz odjern, l-intimat stess, fix-xhieda tieghu gharaf illi l-flus mizmuma minnu jappartjenu lill-mandanti tieghu u li hu lest li jghaddilhom dawn il-flus jekk ikun jaf lil min ghandu jghaddihom. Ghalhekk huwa car illi huwa mhux qed jopponi t-titolu tas-sidien ta' dawn il-flus.

"Ghaldaqstant, in vista tal-insenjament tal-Qorti tal-Appell, il-Qorti hija tal-fehma li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni avvanzata mill-intimat f'din il-kawza ma tistghax tirnexxi u qed tigi michuda.

"**Ikkonsidrat;**

"L-intimat eccepixxa wkoll illi l-attur irid jipprova il-mandat favurih. L-attur xehed u kkonferma bil-gurament illi hu kienet inghata mandat mill-klijenti tieghu sabiex jistitwixxi din l-azzjoni u jirraprezenta l-interessi taghhom, u ma rrizulta xejn fil-mori tal-procedura li jwassal lil Qorti biex tiskarta din il-verzjoni tal-attur. Ghalkemm l-intimat jeccepixxi illi din il-prova ghandha ssir permezz tad-dokumenti relattivi, il-Qorti taghraf illi l-mandat moghti lill-attur m'hemmx bzonn illi jsir bil-miktub.

"Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

"**Ikkonsidrat;**

"Permezz tat-tielet eccezzjoni tieghu, l-intimat eccepixxa illi l-attur irid jipprova t-titolu tal-mandanti kollha tieghu fil-kawza odjerna.

"Din l-eccezzjoni giet sorvolata wara illi r-rikorrent nomine pprezenta numru ta' dokumenti fit-12 ta' Mejju 2016 a fol. 291 et seq illi juru li Nazia Andrews hija l-eredi u l-ezekutrici testamentari ta' Michael Consiglio, illi Joseph Ciantar huwa l-eredi ta' Maria Anna Ciantar, illi Frances Consiglio, Colin C. Consiglio u Charle L. Consiglio huma l-eredi ta' Frank Consiglio, illi l-eredi ta' Joseph Consiglio kienet Vicky Consiglio nee Buhagiar li mietet u issa l-eredi hija Marisa Portelli bint Joseph Consiglio, u l-eredi ta' Nicholas sive Colin Consiglio u l-ezekutrici testamentari tieghu hija Esther Healy.

"**Ikkonsidrat;**

"Skont l-Artikolu 1875 tal-Kodici Civili:

> "**[i]l-mandatarju, meta ma jkunx meħlus espressament mill-mandant, għandu jagħti kont lil dan ta' dak kollu li jkun għamel u ta' dak kollu li jkun irċieva bis-saħħa tal-mandat, ukoll jekk dak li jkun irċieva ma kellux jingħata lill-mandant.**"

[1] **Dolores mart Anthony Abela et vs Vincent Gusman et,** Qorti tal-Appell Civili (Appell Civili numru 511/2006) deciz 28 ta' Frar 2014.

"Il-partijiet fil-kawza taw verzjoni kompletament konfliggenti tal-kaz. Filwaqt illi r-rikorrenti jinsistu illi l-intimat qatt ma tahom rendikont tal-amministrazzjoni tieghu tal-beni taghhom, l-intimat jinsisti illi huwa dejjem tahom rendikont u zammhom informati b'dak kollu li kien jaghmel.

"Wara li ezaminat l-atti tal-kawza, jirrizulta illi l-intimat kien ta lir-rikorrenti zewg tipi ta' rendikonti. Wiehed minnhom jikkonsisti f'lista tal-properjeta li kienet inbieghet, li tinkludi d-data tal-konvenju u tal-kuntratt u l-ammont ta' cens imponut. It-tieni rendikont jikkonsisti f'nota mhux datata, illi tindika l-ammont li huwa dovut lir-rikorrenti, u l-ammont li diga inghata lilhom.

"Rigward il-forma tar-rendikont, intqal mill-Qorti tal-Appell, fis-sentenza fl-ismijiet **Demarco vs Demarco** deciza fit-22 ta' Frar 1963, illi il-forma mposta mill-ligi mhijiex di rigore, u dan jinghad a fortiori meta fil-forma u fil-kontenut tieghu jkun hemm bizzejjed biex tista' taqbad l-qaghda finanzjarja tal-"estate" li wiehed hu obbligat jirrendi kont taghhom.[2]

"Il-Qorti ghalhekk taghraf illi dak li ghandha tezamina huwa jekk mir-rendikonti imsemmija huwiex possibli li wiehed jaqbad l-state of affairs tar-rikorrenti. Il-Qorti hija tal-fehma illi r-rendikont moghti mill-intimat li jindika l-ammont li ghadu dovut lir-rikorrenti huwa karenti minn dawk l-elementi necessarji sabiex wiehed ikun jista' jifhem sew l-qaghda finanzjarja tal-"estate" tal-beni tal-intimat. Huwa nieqes ghal kollox minn indikazzjoni ta' min hallas ic-cens li skont ir-rendikont gie mhallas, b'mod ukoll illi r-rikorrenti ma jistghux ikunu jafu min huwa moruz fil-hlas tac-cens u ghal kemm zmien. M'hemmx spjegazzjoni cara ta' minn fejn ezattament originaw il-flus li diga thallsu u dak li ghadu dovut lill-"estate" tar-rikorrenti. Barra minn hekk, dan ir-rendikont lanqas biss ghandu data, u filfatt huwa biss nota, bla data, li taghti indikazzjoni ta' fuq fuq tal-ammont ta' flus li ghandhom jiehdu u diga hadu r-rikorrenti.

"Il-Qorti tqis illi din in-nota m'hijiex bizzejjed sabiex taghmel tajjeb ghall-obbligu li kellu l-intimat biex jaghti rendikont shih u fedeli l-qaghda finanzjarja tal-"estate" tar-rikorrenti. Tant huwa minnu illi l-intimat qatt ma prepara rendikont kif mitlub minnu fil-ligi, illi meta gie biex jiddepozita l-flus tar-rikorrent nomine f'kont separat kif ordnat lilu mill-Qorti, kellu problema jissodisfa lill-Bank rigward il-provenjenza tal-flus.[3]

"Ir-rikorrent nomine talab ukoll kopja tad-dokumenti relattivi ghal dan ir-rendikont. Fir-rigward tal-kuntratti ta' bejgh, il-Qorti taqbel mal-intimat illi huwa mhux tenut illi jipprovdi lir-rikorrenti b'kopja taghhom, u dan ghaliex skont l-Artikolu 389 (2) tal-Kodici Civili [**recte:** Kodiċi tal-Proċedura Ċivili]:

> "[j]ekk xi wiehed mid-dokumenti jkun att pubbliku, tkun bizzejjed li ssir referenza ghalih."

[2]Citata fis-sentenza **Mary armla Stockley vs Rosario Cini,** Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 27 ta' April 1965.
[3]Vide rikors tal-intimat tat-23 ta' Marzu 2015 a fol 360.

> "Jidher car illi l-intimat hu tenut li jaghti referenza piena u dettaljata ta' kull kuntratt ta' bejgh minnu redatt li jikkoncerna il-proprjeta' tar-rikorrenti nomine. Ghalhekk il-Qorti tqis illi l-ewwel talba tar-rikorrent nomine hija fondata.
>
> "**Ikkonsidrat;**
>
> "Permezz tat-tieni talba tieghu, ir-rikorrent talab sabiex l-intimat jigi ordnat jirrestitwixxi il-flus, kotba bankarji u oggetti mobbli appartenti lir-rikorrenti nomine li ghadhom f'idejh.
>
> "Fix-xhieda tieghu l-intimat ammetta illi ghalkemm huwa kien gabar l-ammont ta' Lm84,200 a nom tar-rikorrent nomine, huwa baghat biss is-somma ta' Lm29,454. Ghalhekk jibqa' dovut il-bilanc ta' Lm54,746 ekwivalenti ghall-€127,316. Huwa ammetta illi d-differenza hija dovuta lir-rikorrent nomine, u kkonferma bil-gurament tieghu illi huwa lest li jirrestitwihom. Din id-differenza tammonta ghas-somma ta' €127,316. Filfatt din is-somma kienet giet iddepozita f'kont bankarju appozitu, fuq ordni tal-Qorti, kid jidher mid-dokument ezebit a fol 367.
>
> "Mill-atti u n-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent nomine ma jidhirx illi huwa kkontestat illi dawn huwa l-ammont attwali li huwa dovut lir-rikorrent nomine mill-intimat.";

5. Illi l-intimat (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-appellant") ħassu aggravat mill-imsemmija sentenza u b'Rikors tal-Appell imressaq fil-25 ta' Lulju, 2016, u għar-raġunijiet hemm imfissra, talab li din il-Qorti tbiddel u tvarja s-sentenza appellata billi, filwaqt li tilqa' r-raba' u s-sitt eċċezzjonijiet tiegħu, tiċħad l-ewwel talba attriċi, tikkonferma t-tieni kap tas-sentenza u tvarja l-kap tal-ispejjeż billi l-ispejjeż jinqasmu ndaqs bejnu u l-appellati, filwaqt li l-ispejjeż tal-appell ibatuhom l-appellati waħedhom;

6. Illi permezz ta' Tweġiba tad-29 ta' Lulju, 2016, l-appellati laqgħu għall-imsemmi appell billi jgħidu li s-sentenza appellata hija tajba u jistħoqqilha li tiġi konfermata;

7. Rat l-atti kollha tal-kawża;

8. Semgħet it-trattazzjoni mid-difensuri taż-żewġ partijiet waqt is-smigħ tas-27 ta' April, 2021;

9. Rat li l-kawża tħalliet għallum għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

10. Illi din hija azzjoni għal għoti ta' rendikont minn mandatarju tal-amministrazzjoni tal-ġid tal-mandanti tiegħu u r-radd lura ta' dokumenti u flus miġbura waqt l-imsemmija amministrazzjoni. Fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet imressqa fit-Tweġiba Maħlufa u laqgħet t-talbiet attriċi billi ordnat lill-intimat jagħti rendikont fi żmien sitt xhur, u sabiex jitlaq minn idejh favur l-atturi appellati l-ammont ta' mija sebgħa u għoxrin elf, tliet mija u sittax-il ewro (€127,316) bl-imgħax mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, flimkien mad-dokumenti u ħwejjeġ oħra marbuta mal-ġid amministrat minnu;

11. Illi minn dik is-sentenza l-appellant iressaq **tliet aggravji**. L-ewwel, li l-ewwel Qorti naqset meta ċaħdet ir-raba' u s-sitt eċċezzjoni billi huwa dejjem ta rendikont tal-amministrazzjoni tiegħu. It-tieni aggravju hu li l-ewwel Qorti naqset meta qieset li l-Artikolu 2157 tal-Kodiċi Ċivili ma

jgħoddx għall-każ. Filwaqt li bit-tielet aggravju jilminta minn dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti għabbietu bil-ħlas tal-ispejjeż tal-kawża;

12. Illi l-appellati, min-naħa l-oħra, jilqgħu billi jgħidu li l-għoti ta' rendikont minn mandatarju kif ukoll x'għandu jkun fih huma regolati mil-liġi. Jisħqu li ladarba l-appellant naqas li jippreżenta rendikont ta' għemilu meta ntalab, kemm qabel kif ukoll waqt il-kawża, l-ewwel Qorti għamlet sewwa li laqgħet l-ewwel talba attriċi. Dwar it-tieni aggravju jgħidu li l-Artikolu 2157 tal-Kodiċi Ċivili ma jgħoddx fil-konfront tal-appellant billi huwa baqa' jamministra l-flejjes tagħhom saż-żmien meta nfetħet din il-kawża. Isegwi li t-tieni aggravju m'għandux mis-sewwa. Dwar it-tielet aggravju jgħidu li ma hemm ebda raġuni għaliex l-appellant għandu jgawdi minn tnaqqis fil-kap tal-ispejjeż u li jiggwadanja minħabba nuqqasijietu;

13. Illi l-Qorti sejra tibda biex l-ewwelnett tqis **it-tieni aggravju**, dwar li l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2157 tal-Kodiċi Ċivili. L-appellant jgħid li waqaf imexxi l-ġid tal-appellati fl-1989 u għaldaqstant l-azzjoni kellha titressaq fi żmien ta' ħames snin minn dak inhar li ntemmet dik it-tmexxija tiegħu. Jisħaq li l-flus tat-tmexxija tiegħu nżammu għandu minħabba raġunijiet li jaħtu għalihom l-appellati nfushom;

14. Illi l-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-appellant. Kif tajjeb tenniet l-ewwel Qorti, l-azzjoni tallum m'hijiex azzjoni biss ta' għoti ta' rendikont, imma wkoll waħda li toqrob għar-rivendika għaliex ir-rikorrenti talbu li jintraddu lura ħwejjiġhom. Ladarba ma tressqet ebda xilja li l-appellant għadda ħwejjiġhom lil terzi, huma setgħu jinqdew bil-jedd tagħhom li jitolbu lill-appellant iroddilhom lura ħwejjiġhom f'kull waqt u bla għeluq ta' żmien[4];

15. Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-appellant jgħid li ħwejjeġ l-appellati baqgħu għandu mhux għaliex ried hu iżda għaliex l-appellati kellhom kwestjonijiet finanzjarji f'pajjiżhom ġewwa l-Awstralja. Huwa minnu li mill-korrispondenza li għaddiet bejn il-partijiet jirriżulta li wħud mill-appellati ma ridux li jintbagħtulhom flejjes f'pajjiżhom, iżda din mhix raġuni tajba biex l-appellant jibqa' jżomm ħwejjeġ l-appellati jew ma jagħtix rendikont tagħhom kif jixraq. Jirriżulta li l-appellant saħansitra ntalab ukoll formalment mill-appellati[5], qabel il-ftuħ ta' dawn il-proċeduri, biex jagħti rendikont u jgħaddilhom ħwejjiġhom lura, iżda, minkejja dawk it-talbiet, dan baqa' ma seħħx. Din il-Qorti, għaldaqstant, ma tifhimx b'liema mod l-appellant jittanta jressaq l-eċċezzjoni tal-mogħdija taż-żmien għall-għoti ta' rendikont meta huwa għadu responsabbli minn ħwejjeġ l-appellati, u dan minkejja li l-appellati neħħew il-prokura minn fuq ismu;

[4] Art. 1871A(2) tal-Kap 16
[5] Ara paġ. 245 tal-proċess

16. Illi, minbarra dan, persuna li tkun qiegħda żżomm xiħaġa f'isem ħaddieħor, ma tistax tippreskrivi favur tagħha stess[6], jgħaddi kemm jgħaddi żmien. Daqstant ieħor, ħadd ma jista' jbiddel għalih innifsu r-raġuni li għaliha jkun iżomm il-ħaġa ta' ħaddieħor[7]. Għalhekk, ladarba l-appellant innifsu stqarr li l-flus li qiegħed iżomm imissu lill-appellati, il-Qorti tasal għall-fehma li t-tieni aggravju m'għandux mis-sewwa u mhux sejjer jintlaqa';

17. Illi dwar **l-ewwel aggravju**, l-appellant jgħid li huwa minn dejjem ta rendikont f'waqtu tat-tmexxija ta' ġid l-appellati. Jgħid li kien jgħarrafhom b'li jkun għaddej minn żmien għal żmien. Xhieda ta' dan hija korrispondenza li saħansitra tressqet fl-atti mill-appellati nfushom. Jgħid li huwa wasal għall-ammont dovut lill-appellati u li l-ewwel Qorti laqgħet dak l-ammont bħala li huwa minnu. Itenni li l-flejjes dovuti lill-appellati baqgħu għandu għaliex hekk kien ġie mitlub li jagħmel, u mhux biex idawwar dak il-ġid lejh. Jisħaq li saħansitra wħud mill-appellati resqu fuq il-bejgħ ta' proprjeta` personalment meta kienu jinsabu f'Malta, iżda l-ewwel Qorti ma ħaditx qies ta' dan;

18. Illi l-Qorti tifhem li dan it-tieni aggravju huwa marbut mal-kwestjoni tal-apprezzament tal-provi li għamlet l-ewwel Qorti li tressqu quddiemha.

---

[6] Art. 2118 tal-Kap 16
[7] Art. 2121(1) tal-Kap 16

Meta appellant jikkontesta l-apprezzament tal-provi mill-ewwel Qorti, ngħad kemm-il darba li r-regola hi li din il-Qorti ma tiddisturbax tali apprezzament jekk mhux f'ċirkostanzi eċċezzjonali jew meta jkun intwera li dak l-apprezzament ikun wieħed mhux raġonevoli jew mhux mibni fuq il-fatti proċesswali[8]. Minkejja dan, huwa minnu wkoll li "*Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti*"[9];

19. Illi huwa fil-qafas ta' dawn il-parametri li din il-Qorti sejra tqis dan l-ewwel aggravju tal-appellant. Minn eżami tal-atti, lill-Qorti jirriżultalha tagħrif mgħoddi mill-appellant lill-appellati ta' numru ta' proprjetajiet u l-

[8] App. Ċiv. **26.1.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Aġius v. Piju Theuma***
[9] App. Ċiv. **14.12.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Dott. Antoinette Cutajar v. L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et***

piżijiet li hemm fuqhom, valutazzjoni tal-proprjeta`, rakkomandazzjonijiet dwar kif il-proprjeta` setgħet tinbiegħ fis-suq, pariri legali, u aġġornamenti fost oħrajn[10]. Jirriżulta wkoll li l-appellant ma kienx f'qagħda li jipproduċi dokumentazzjoni dwar il-kont li fih kienu qed jinżammu l-flejjes tal-appellati[11]. Jirriżulta wkoll, minn stqarrija tal-appellant, li hemm fondi li jaqgħu taħt il-ħatra mogħtija lilu li għadhom mhux miġbura[12]. Jirriżulta għaldaqstant b'mod ċar li, saż-żmien li ngħatat is-sentenza appellata, l-appellati ma kienx ingħatalhom rendikont komplut u aġġornat[13]. Fl-ewwel talba tagħhom, kien sewwasew dan li l-appellati talbu li l-ewwel Qorti tordna li jingħatalhom. Din il-Qorti tqis ukoll ix-xhieda mogħtija mill-attur *nomine*[14] meta jgħid li l-appellant, minn żmien qabel il-ftuħ tal-kawża, kien stqarr miegħu li kien meħtieġ jitqabbad kumputista biex iħejji r-rapport, iżda dan ir-rapport qatt ma ġie mħejji. Kien biss waqt li l-kawża kienet miexja quddiem l-ewwel Qorti, u wara ordni f'dan is-sens mogħti mill-ewwel Qorti, li l-appellant fetaħ kont bankarju u qiegħed fih l-ammont ta' mija u sebgħa u għoxrin elf, tliet mija u tnax-il ewro (€127,312)[15] li huwa stqarr li kien l-ammont ta' flus dovuti lill-appellati. Dan il-kont infetaħ f'April tal-2015, jiġifieri qrib sitt snin wara li nfetħet din il-kawża;

---

[10] Ara paġġ. 50, 52, 54 sa 55, 57 sa 60, 62, 65, 67, 69, 73, 79 sa 80, 82 sa 84, 86, 88, 90 u 91, 97 sa 99, 101 sa 103, 121. Ara wkoll l-affidavit tal-appellant f'paġġ. 304 sa 307 u x-xhieda tiegħu f'paġġ. 238 sa 240, u paġġ. 260 sa 263 tal-proċess, Dok. "TL1" f'paġ. 259 tal-proċess, u ix-xhieda tiegħu mogħtija fil-kontro-eżami f'paġġ. 279A sa 279C u paġġ. 309A sa 309D tal-proċess

[11] Ara x-xhieda tal-appellant fil-kontro-eżami f'paġġ. 318 u 319 tal-proċess

[12] *Ibid* paġ. 319 tal-proċess

[13] Konferma ta' dan hija l-istqarrija tal-appellant innifsu f'paġġ. 224 – 5 tal-proċess

[14] Ara x-xhieda tal-Avukat Philip Manduca f'paġ. 315 tal-proċess

[15] Paġġ. 366 – 7 tal-proċess

20. Illi, fid-dawl ta’ dawn iċ-ċirkostanzi probatorji hekk ċari u li ma jistgħux jinċaħdu, din il-Qorti ma ssib xejn x’tiċċensura fl-apprezzament tal-provi mwettaq mill-ewwel Qorti, u tqis li dan l-ewwel aggravju m’għandux mis-sewwa u għaldaqstant mhux ser jintlaqa’;

21. Illi dwar it-**tielet aggravju,** l-appellant jgħid li m’għandux iġorr l-ispejjeż kollha tal-kawża. Jorbot dan l-aggravju mal-argument imressaq taħt l-ewwel aggravju, fejn saħaq li tul iż-żmien li dam mandatarju, huwa għadda rendikont tat-tmexxija tiegħu lill-appellati. Jgħid ukoll li l-bilanċ tal-flejjes li kienu għadhom għandu, tqiegħdu f’kont bankarju għalihom fil-mori tal-kawża. Jgħid li dan jiġġustifika tnaqqis jew qsim tal-kap tal-ispejjeż;

22. Illi l-Qorti ma taqbilx ma’ dawn l-argumenti. Tqis li l-argument tal-għoti tar-rendikont ma jreġix ladarba l-ewwel aggravju ġie miċħud. Għalkemm tabilħaqq jirriżulta li l-appellant iddepożita l-flejjes dovuti lill-appellati f’kont bankarju f’isimhom, dan sar biss wara li kellu jingħata ordni f’dan is-sens mill-ewwel Qorti u ma sarx mill-appellant minn rajh. Minbarra dan, din il-Qorti tqis ukoll li t-tieni talba attriċi hija sabiex l-appellati jingħataw kull dokument, kuntratt, ktieb bankarju jew oġġett mobbli li jappartjeni lilhom. Sa dakinhar li ngħatat is-sentenza appellata l-appellant ma wera bl-ebda mod li kien tassew wettaq dak li jingħad f’dik it-talba. F’kelma waħda, kellu jkun il-ftuħ ta’ din il-kawża biex l-appellati jiksbu deċiżjoni minn Qorti biex jingħataw dak li hu tagħhom. Għal dawn

ir-raġunijiet, il-Qorti ma tara l-ebda ġustifikazzjoni għaliex il-mod kif l-ewwel Qorti qatgħet li kellu jintrefa' il-kap tal-ispejjeż għandu jinbidel. Ma ntweriex li hemm xi ċirkostanza li biha l-kap tal-ispejjeż kellu jkun regolat b'dak li jgħid l-Artikolu 223(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

23. Illi dan iwassal lill-Qorti għall-fehma li t-tielet aggravju wkoll m'għandux jintlaqa' u ser jiġi miċħud;

24. Illi għaldaqstant it-tliet aggravji tal-appellanti sejrin jiġu miċħuda;

25. Illi, hi u tifli l-atti proċesswali, il-Qorti ntebħet li fl-"okkju" tas-sentenza appellata hemm żball billi l-isem ta' waħda mill-partijiet li daħlu fil-kawża wara li kienet inbdiet jissemma ħażin u ma jaqbilx ma' dak li joħroġ mill-istess atti. Dan jirrigwarda l-isem tal-attriċi Marisa bint Joseph Consiglio u li, fl-imsemmi "okkju" tas-sentenza appellata tidher bħala "Marion". Huwa ċar, kemm mir-rikors li kien tressaq f'isimha f'Settembru tal-2012, u kif ukoll minn dak li nkiteb bl-idejn mid-Deputat Reġistratur fuq ir-Rikors Maħluf li l-kelma "Marisa" huwa l-isem tajjeb tal-werrieta li assumiet l-atti tal-kawża minflok missierha. Għalhekk, għall-finijiet tal-Artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti qiegħda tordna li l-isem "Marion" kif muri fl-"okkju" tas-sentenza appellata jinbidel bl-isem "Marisa";

***Deċide:***

26. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell** imressaq mill-intimat mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Lulju, 2016, fil-kawża fl-ismijiet fuq imsemmija, bħala mhux mistħoqq fil-fatt u fid-dritt, u għalhekk qiegħda tikkonfermaha għal kollox, b'dan li ż-żmien ta' sitt (6) ġimgħat prefiss għall-għoti tar-rendikont għandu jitqies li jibda miexi millum; u

**Tordna** li l-appellant iħallas l-**ispejjeż** taż-żewġ istanzi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr